IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.10.2013
COM(2013) 731 final

2013/0351 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tikkonċerna l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika kien iffirmat f'Washington fil-5 ta' Diċembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ottubru 1998. L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim jistipula kif ġej: "Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu inizjali ta' ħames snin. Suġġett għal reviżjoni mill-Partijiet matul l-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv, il-Ftehim jista' jiġġedded b'emendi possibbli, minn dakinhar 'il quddiem għall-perjodi addizzjonali ta' ħames snin permezz ta' ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet."

Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/306/KE tat-30 ta' Marzu 2009, il-Ftehim ġie estiż għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Il-Ftehim għandu jiskadi fl-14 ta' Ottubru 2013.

L-estensjoni tal-Ftehim għandha tkun fl-interess taż-żewġ Partijiet sabiex tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea li jwasslu għal benefiċċji soċjoekonomiċi għaż-żewġ Partijiet.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

F'Ġunju tal-2013 il-Kummissjoni ppubblikat reviżjoni tal-Ftehim tal-2012-2013 imwettqa minn esperti indipendenti.

Iż-żewġ partijiet ikkonfermaw l-interess tagħhom biex jiġi estiż il-Ftehim ħalli tkompli tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerika f'oqsma komuni tax-xjenza u t-teknoloġija.

Madankollu, waqt taħdidiet esploratorji u skambju ta' ittri ma' Dr Kerri-Ann Jones, l-Assistent Segretarju tal-Istat responsabbli mill-Oċeani u l-Affarijiet Internazzjonali, Ambjentali u Xjentifiċi, l-Istati Uniti tal-Amerika kkundizzjonaw l-estensjoni tal-Ftehim attwali fuq negozjati ta' xi emendi. F'ittra tad-19 ta' Marzu 2013, Dr Jones identifikat l-Anness tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali bħala qasam potenzjali għan-negozjati. L-Istati Uniti tal-Amerika qegħdin iħejju nota uffiċjali li tidentifika l-oqsma kollha li jixtiequ jinnegozjaw.

Peress li l-involviment fin-negozjati jista' jwassal għal proċess li jieħu fit-tul, u li ċertament se jaqbeż id-data ta' skadenza tal-Ftehim attwali, ġie deċiż b'mod ġenerali li jipproċedu fuq żewġ linji paralleli:

(1) L-ewwel, bl-estensjoni tal-Ftehim attwali skont id-dispożizzjonijiet eżistenti tiegħu, sabiex jiġi evitat kull tfixkil;

(2) B'mod parallel, iż-żewġ Partijiet għandhom jimpenjaw lilhom infushom fi proċess li se jwassal għal negozjar ta' Ftehim emendat. Dawn in-negozjati se jirrikejdu li l-Kunsill jadotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.[1]

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-kontenut konkret tal-Ftehim estiż se jkun identiku għal dak tal-Ftehim attwali.

[1] Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-Kunsill jadotta deċiżjoni bħal din se tiġi ppreżentata separatament.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi. Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni titlob li l-Kunsill:

– Japprova, f'isem l-Unjoni, u wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin;

– Jawtorizza li l-President tal-Kunsill jinnomina l-persuna/i li tingħata/jingħataw is-setgħa li tinnotifika/jinnotifikaw lill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa sabiex dan il-Ftehim imġedded jidħol fis-seħħ.

2013/0351 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tikkonċerna l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218 (6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 98/591/KE tiegħu tat-13 ta' Ottubru 1998, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/306/KE tat-30 ta' Marzu 2009, il-Ftehim ġie estiż għal perjodu ieħor ta' ħames snin.

(3) L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim jistipula kif ġej: "Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu inizjali ta' ħames snin. Suġġett għal reviżjoni mill-Partijiet matul l-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv, il-Ftehim jista' jiġġedded b'emendi possibbli, minn dakinhar 'il quddiem għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin permezz ta' ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet."

(4) Il-Partijiet tal-Ftehim jikkunsidraw li t-tiġdid ta' malajr ta' dan il-Ftehim għandu jkun fl-interess tagħhom it-tnejn.

(5) Il-kontenut tal-Ftehim estiż għandu jkun identiku għall-kontenut tal-Ftehim li jiskadi fl-14 ta' Ottubru 2013.

(6) L-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika għandha tkun approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika, għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

F'konformità mal-Artikolu 12 tal-Ftehim imsemmi hawn fuq u f'isem l-Unjoni, il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa sabiex jiġi estiż il-Ftehim imsemmi hawn fuq.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …[2].

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettivi

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Terminu u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i tal-ġestjoni previst/i

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul:

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. *Titolu tal-proposta/inizjattiva*

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika

### 1.2. *Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB*[3]

Strateġija u koordinazzjoni ta' politika, b'mod partikolari, id-Direttorati Ġenerali RTD, JRC, AGRI, CNECT, EAC, ENER, ENTR u MOVE.

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[4]

☑ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettivi

#### *1.4.1. L-objettiv/i strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Din l-inizjattiva se tippermeti li ż-żewġ partijiet itejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fix-xjenza u t-teknoloġija f'oqsma ta' interess komuni.

#### *1.4.2. Objettiv/i speċifiku/speċifiċi u l-attività(jiet) ta' ABM/ABB ikkonċernata/i*

Objettiv speċifiku Nru 1

Se tippermetti aktar skambju ta' għarfien speċifiku u trasferiment ta' kompetenzi għall-benefiċċju tal-komunitajiet xjentifiċi, l-industrija u ċ-ċittadini.

L-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/i

[3] ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività — ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.
[4] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat/i mistenni/ja u impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Permezz ta' din id-deċiżjoni l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika se jiksbu benefiċċju reċiproku mill-progress xjentifiku u tekniku li jkun intlaħaq billi jikkooperaw fir-riċerka permezz tal-programmi ta' riċerka speċifika rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw u jkomplu jkabbru l-kooperazzjoni. |

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-proposta/inizjattiva.*

| |
|---|
| Is-servizzi tal-Kummissjoni se jimmonitorjaw regolarment l-azzjonijiet kollha mwettqa skont il-Ftehim, li se jinkludu analiżi mill-UE. L-analiżi se tkun magħmula minn dawn l-elementi;<br>(a) Għadd ta' inizjattivi/attivitajiet konġunti ġodda mwettqa skont il-Ftehim.<br>(b) Kooperazzjoni permezz tal-Programm Qafas - għadd ta' proposti ppreżentati minn parteċipanti tal-Istati Uniti tal-Amerika mqabbel mal-għadd ta' proposti minn parteċipanti tal-Istati Uniti tal-Amerika magħżula għall-finanzjament skont il-programm. |

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit/i li jrid/u jintlaħaq/jintlaħqu fi żmien qasir jew fit-tul*

| |
|---|
| Din id-deċiżjoni se tippermetti li ż-żewġ partijiet ikomplu jtejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'oqsma ta' benefiċċju reċiproku tax-xjenza u t-teknoloġija. |

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

| |
|---|
| Il-Ftehim huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' benefiċċju reċiproku, l-aċċess reċiproku għall-programmi u l-attivitajiet tal-parti l-oħra, li jkunu rilevanti għall-fini tal-Ftehim, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-ħarsien effettiv tal-proprjetà intellettwali u l-kondiviżjoni ekwa tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) u l-isfruttament effettiv tar-riżultati. It-tiġdid ta' dan il-Ftehim se jippermetti għarfien xjentifiku akbar li jwassal għal opportunitajiet ta' aċċess għas-suq. |

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

| |
|---|
| Abbażi tal-esperjenza tal-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija li nkisbet s'issa, huwa kkunsidrat li jkun ta' benefiċċju reċiproku li titkompla din il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti tal-Amerika bl-estensjoni tal-Ftehim. |

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

| |
|---|
| L-estensjoni tal-Ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika huwa koerenti għalkollox mal-ftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi l-oħra tad-dinja fil-Programmi Qafas tal-UE. |

## 1.6. Terminu u impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' **terminu limitat**

– ☑ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-14/10/2013 sat-13/10/2018

– ☑ Impatt finanzjarju mill-2013 sal-2018

☐ Proposta/inizjattiva ta' **terminu mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i tal-ġestjoni previst/i[5]

☑ **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[6]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (***għad iridu jiġu speċifikati***)

*Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".*

Kummenti

[5] Wieħed jista' jsib id-dettalji tal-metodi tal-immaniġġar u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[6] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. *Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar*

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet ta' riċerka mill-Istati Uniti tal-Amerika fil-Programm Qafas (Orizzont 2020) u attivitajiet kooperattivi oħrajn skont il-Ftehim ser jiġu segwiti regolarment permezz ta' laqgħat tal-Grupp Konġunt Konsultattiv, stabbilit bl-Artikolu 6(b) tal-Ftehim.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat/i*

Laqgħat u kuntatti bilaterali jsiru regolarment, biex l-informazzjoni tiġi kondiviża b'mod sistematiku. Ma ġie identifikat l-ebda riskju fis-sistema ta' kontroll.

#### *2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst/i*

#### *2.2.3. Spejjeż u benefiċċji tal-kontrolli u tar-rata li probabbilment mhix kompatibbli*

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

Meta l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas titlob l-użu ta' kuntratturi esterni jew tinvolvi l-għoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji lil partijiet terzi, il-Kummissjoni se twettaq verifiki finanzjarji, fejn xieraq, b'mod partikolari jekk ikollha raġuni biex tiddubita n-natura realistika tax-xogħol imwettaq jew deskritt fir-rapporti tal-attività.

Il-verifiki finanzjarji tal-Unjoni se jitwettqu jew mill-istaff tagħha stess jew minn esperti fil-kontabbiltà approvati skont il-liġi tal-parti li fuqha tkun qed issir il-verifika. L-Unjoni se tagħżel lil dawn tal-aħħar mingħajr ebda ndħil, filwaqt li tevita kwalunkwe riskju ta' kunflitti ta' interess li jistgħu jkunu indikati lilha mill-parti suġġetta għall-verifika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tiżgura, meta twettaq l-attivitajiet ta' riċerka, li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa b'kontrolli effettivi u, fejn ikunu skoperti xi irregolaritajiet, b'miżuri u penali deterrenti u proporzjonati.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-regoli dwar il-kontrolli, il-miżuri u l-penali, b'referenza għar-Regolamenti Nru 2988/95, Nru 2185/96 u Nru 1073/99, se jkunu inkorporati fil-kuntratti kollha li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-Programm Qafas.

B'mod partikolari, il-punti li ġejjin se jkollhom jiġu stipulati fil-kuntratti:

- l-introduzzjoni ta' klawżoli kuntrattwali speċifiċi sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE fit-twettiq tal-verifiki u tal-kontrolli li għandhom x'jaqsmu max-xogħol imwettaq;

- it-twettiq ta' kontrolli amministrattivi bħala parti minn miżuri kontra l-frodi, skont ir-Regolamenti Nru 2185/96, Nru 1073/1999 u Nru 1074/1999;

- l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi għal kull irregolarità sew intenzjonata u sew ta' negliġenza fl-implimentazzjoni tal-kuntratti, skont ir-Regolament Qafas Nru 2988/95, inkluż mekkaniżmu għar-reġistrazzjoni f'listi suwed;

- il-fatt li kwalunkwe ordni ta' rkupru fil-każ ta' irregolaritajiet u frodi għandha tkun infurzabbli skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk u bħala miżura ta' rutina, se jitwettaq programm ta' kontroll fir-rigward tal-aspetti xjentifiċi u baġitarji mill-istaff responsabbli tad-DĠ għar-Riċerka u l-Innovazzjoni; se titwettaq verifika interna mill-Unità tal-Verifika Interna fid-DĠ għar-Riċerka u l-Innovazzjoni; u se jsiru spezzjonijiet lokali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Il-linji tal-baġit eżistenti

<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni………………………..………. ] | Diff./mhux diff. (7) | minn pajjiżi tal-EFTA[8] | minn pajjiżi kandidati[9] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1a | 08.01.05 | Mhux diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 1a | 08.01.05.01 | Mhux diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 1a | 08.01.05.03 | Mhux diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura………………………………… ..] | Diff./mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.SS.SS.SS] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

7 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
8 EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
9 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

Din il-parti għandha timtela fuq l-ispreadsheet dwar id-dejta baġitarja ta’ natura amministrattiva (it-tieni dokument fl-Anness ta’ din id-dikjarazzjoni finanzjarja) li għandha tiġi mtellgħa fis-CISNET għall-finijiet ta’ konsultazzjoni interdipartimentali.

### *3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:** | **1a** | **[Intestatura]: Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi** |
|---|---|---|

| DĠ: <Riċerka u Innovjazzjoni.> | | | Sena **2013**[10] | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | Impenji | (1) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2) | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[11] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | **08.01.05** | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <Riċerka u Innovazzjoni>[12] | Impenji | =1+1a +3 | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | | **0.875** |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | | **0.875** |

10 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

11 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

12 L-approprjazzjonijiet għall-perjodu 2014-2020 u l-bażi legali relatata għadhom iridu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u l-Abbozz tal-Baġit 2014 għad irid jiġi approvat mill-Awtorità tal-Baġit.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru tal-linja tal-baġit | **08.01.05.01** | (3a) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <Riċerka u Innovazzjoni>[13] | Impenji | =1+1a +3a | **0.033** | **0.131** | **0.131** | **0.131** | **0.131** | **0.098** | | **0.655** |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3a | **0.033** | **0.131** | **0.131** | **0.131** | **0.131** | **0.098** | | **0.655** |
| Numru tal-linja tal-baġit | **08.01.05.03** | (3b) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <Riċerka u Innovazzjoni>[14] | Impenji | =1+1 a +3b | **0.011** | **0.044** | **0.044** | **0.044** | **0.044** | **0.033** | | **0.220** |
| | Ħlasijiet | =2+2 a+3b | **0.011** | **0.044** | **0.044** | **0.044** | **0.044** | **0.033** | | **0.220** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | | **0.875** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <1a.>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | | **0.875** |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | | **0.875** |

**Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta/inizjattiva:**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |

[13] L-approprjazzjonijiet għall-perjodu 2014-2020 u l-bażi legali relatata għadhom iridu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u l-Abbozz tal-Baġit 2014 għad irid jiġi approvat mill-Awtorità tal-Baġit.

[14] L-approprjazzjonijiet għall-perjodu 2014-2020 u l-bażi legali relatata għadhom iridu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u l-Abbozz tal-Baġit 2014 għad irid jiġi approvat mill-Awtorità tal-Baġit.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | "Nefqa amministrattiva" |

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | | | | | | | | |

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2013[15] | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | | **TOTAL** |

15 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | | **0.875** |
| | Ħlasijiet | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | | **0.875** |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☑ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprazzjonijiet tal-impenn f’miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Indika l-objettivi u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[16] | Spiża medja | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża | Numru u totali | Spiża totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[17] | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **SPEJJEŻ TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

16 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li se jiġu pprovduti (eż: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.)

17 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv/i speċifiku/speċifiċi..."

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. **Taqsira**

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2013**[18] | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | |
| **Barra l-INTESTATURA 5[19] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | |
| Riżorsi umani | **0.033** | **0.131** | **0.131** | **0.131** | **0.131** | **0.098** | **0.655** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | **0.011** | **0.044** | **0.044** | **0.044** | **0.044** | **0.033** | **0.220** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0.044** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.175** | **0.131** | **0.875** |

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jintlaħqu mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-baġit.

18 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

19 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ (Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid titniżżel f'unitajiet ekwivalenti għal fulltime*

| | Sena **2013** | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena 2 016 | Sena 2 017 | Sena 2 018 | Daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 08 01 05 01 (Riċerka indiretta) | **1** | **1** | **1** | **1** | **1** | **1** | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| **• Staff estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[20] | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **ss**[21] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **ss**[21] -fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (CA, SNE, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE — Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Intestaturi tal-baġit oħrajn (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | **1** | **1** | **1** | **1** | **1** | **1** | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu permezz tal-istaff mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk dan ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-baġit.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u staff temporanju | Preparazzjoni u ġestjoni tal-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv Konġunt previsti skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim, u missjonijiet bil-għan li jiżguraw il-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti tal-Ftehim u l-analiżi regolari tal-Ftehim. |
| External staff | |

20 AK= Aġent Kuntrattwali; LA = Aġent Lokali; SNE = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = staff mill-aġenziji ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet).

21 Sublimitu għall-istaff estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu l-linji "BA").

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☑Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għall-kofinanzjament minn partijiet terzi.

**3.3. Impatt stmat fuq id-dħul:**

– ☑ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.